# il-kappella tas-Salvatur

*Kitba ta' **Duncan Brincat**, fl-okkażjoni tar-restawr li sar dan l-aħħar fuq din il-kappella.*

Storiċi bikrin jagħtuna hjiel li fl-1487 kienet ġiet mibnija l-kappella ddedikata lis-S.S. Salvatur, fl-inħawi magħrufa bħala "la punta sottile della Rinella", minħabba li tinsab viċin il-bajja ta' Rnella u fil-limiti tal-belt Vittoriosa.

Minn xi viżiti pastorali li saru fi żmien il-ħakma ta' l-ordni Ġerosolomitana ta' San Ġwann, jirriżulta li din il-kappella antika ġiet imwaqqa fuq ordni tal-Gran Mastru Jean Parisot de La Valette matul l-Assedju l-kbirta'1565 biexb ma sserviex bħala difiża għall-Armata Turka li f'dik is-sena kienet qedgħa tattakka l-"Borgo" aktar tard magħruf bħala l-belt Vittoriosa.

Ġara li fis-sena 1580, Claudio Abela u Davidde Burlo' talbu lill-Gran Mastru La Cassiere biex fl-istess post ta' fejn qabel kien hemm mibnija l-kappella msemijja, tinbena ohra bi ħlashom. Dan talbuh wara wegħda li huma kienu għamlu waqt l-Assedju l-Kbir. Din il-kappella reġgħet inbniet, iżda sfortunatament, l-informazzjoni storika dwarha hija limitata ħafna. Nafu, iżda li fl-1676 indifnu f'din il-kappella għadd ta' barranin, fosthom il-Balii Fra Giovanni Bighi li kien jiġi n-neputi tal-Papa Alessandru VII. Dan ta' l-ahhar kien Inkwiżitur f'Malta fis-sena 1634 u kien residenti fil-belt Vittoriosa. Bighi miet fl-1676 bil-1676 bil-pesta kiefra li kienet laqtet ħesrem il-gżira ta' Malta.

Sadanittant, din il-kappella reġgħet twaqqet mill-ġdid fl-1680 fuw disinn ta' Lorenzo Gafa'. Hallas għaliha Fra Mario Bighi li waqqaf ukoll monument tal-ġebel fl-istess kappella b'tifkira ta' zijuh Fra Giovanni Bighi. Il-kwadru titulari ta' l- artal maġġur ġie mpitter minn Mattia Preti u kien juri t-trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu. Din il-pittura ġiet misruqa fl-1798 matul l-invażjoni tal-Franċiżi.

Il-festa tritulari tas-Salvatur, kienet tiġi ċċelebrarta fil-jum liturġiku tagħha, jiġifieri fis- 6 t'Awissu. Matul dan il-jum kienu jsiru primi vespri, quddiesa kantata, u saħansitra tqassam tal-hobż magħruf bħala "għażżiela".

Madanakollu, wara rikors li għamel il-Benefiċjat u wara sentenza maħruġa mill-Qorti Superjuri tal-Kurja b'digriet tal-21 ta' Lulju 1812, minflok it-tqassim tal-ħobż kellu jibda jsir is-secondo vespro.

Fil-pesta li laqtet lill-gżira fl-1813, fiż-żona tal-Kalkara kien hawn aktar minn 800 ruħ. Minħabba l-liġi tal-Kwarantina, kien diffiċli hafna li jitwasslu s-sagramenti mill-Knisja Parrokkjali tal-Birgu għal din il-kappella. Għaldaqstant, fil-bidu ta' Ġunju, fuq kunsens bejn il-kappillan tal-Birgu, Dun Ġwann Busutil, u l-Benefiċjat, Dun Lawrenz Lanzon, ġie deċiż li jintbagħat f'din il-kappella Fra Vinċenz Major patri Karmelitan, bħala viċi parroku tal-Birgu. B'hekk, is-sagramenti daħlu għall-ewwel darba f'din il-kappella, bl-obligu li jinżamm lampier mixgħul. Villa Bighi ġiet transformata bħala Lazzarett, u għalekk b'digriet tas-6 ta' Settembru 1813, iċ-ċwievet ta' din il-kappella ġew mgħoddija lil Fra Luigi Pisani li kien kappillan ta' Ordni Mediku Ġerosolomitan.

Fid-9 ta' Mejju 1815 ġiet imbierka l-Via Crucis ta' din il-kappella għand il-Gwardjan tal-Minuri osservanti u ġiet applikata wkoll l-indulġenza rispettiva wara digriet li ħareġ minn idejn l-Isqof fis-27 t'Ottubru 1814. Maż-żmien, din il-kappella saret benefiċjali permezz ta' diversi għotjiet li sarulha, fosthom fis-27 t'April 1626 fejn parti l-kbira ta' l'art mgħarufa bħala "l-Għolja tas-Salvatur" ġiet imħollija minn Dun Gio Franġisk Ciantar.





